Għax in-naħal ma jiġborx il-għasel għal wiċċna, imma biex il-ferħ jiekol u jiflaħ jaħdem; ġarra naħal trid madwar wiżna għasel biex tgħaddi x-xitwa u r-rebbiegħa u f'sena ħażina trid aktar ukoll.

Għalhekk fejn jinżamm in-naħal l-imġiebaħ jitrawmu iħarsu lejn art tajba u lejn xi masġar li jwarrad sewwa, għax l-għasel mhux ta' kullimkien togħma, lewn u riħa waħda, silla, sagħtar, plejju, toffieħ, ċirasa, lanġas trid in-naħal u dak li jrid sid ix-xeħda wkoll. Biex it-torbija tan-naħal tfejjed trid ħsieb u xogħol mhux ftit u qabel tiġbor u s-saffi l-għasel qatt ma taf jekk titħallasx ta' xogħlok. U x'ma jridx ħsieb u xogħol biex taqla' sold fid-dinja?

T. Z.

19/4/35.

# BALLATA

Waslitilna ittra flimkien mal-versi li ġejjin hawn taħt. Flejna l-ittra u aktar il-versi, u sibna illi min kien kiteb għandu xeħta tajba għall-versi; u billi aħna nixtiequ nagħmlu l-qalb lil kull min iħobb il-lsien Malti u jitħajjar jikteb bih, qtajna li għandna nilqgħu din il-Ballata.

Aħna nħossu li l-ħsieb hu ħarira aħrax, u dan għidnieh bil-kelma t-tajba, lill-kittieb; iżda aħna nafu wkoll illi ħadd ma jkun imgħallem mill-ewwel.

N. t. E.

Kewkba tal-ħniena, tħallinix darb'oħra
Ma' ħarstek ħarsti wara l-mitħna nżomm
Fuq dik id-dwejra, fejn żagħżugħa smajra
Ftit kien fadlilha biex issirlek omm.

Il-lum, ja kewkba, dik id-dwejra tbiddlet:
Ma tidħakx iżjed kollha ferħ u sliem:
Fiha l-imħabba ma' kull tama nqerdet:
U sfat weħidha mingħajr smigħ u kliem.



Xejn ma fadlilha ħlief għanqbut u għabra
U għajb imxewlaħ qalb id-dlam u s-skiet...
'Ma kull fl-għaxija, kull min jersaq lejha
Jisma' tnehid u krib donnu ta' mwiet...

* * *

Ġolina, Ġolina, kemm drabi
Ilmaħtek jew tinseġ jew tħit,
Jew taħsel, jew tonxor il-ħwejjeġ,
U taqdi 'l omm żewġek sikwit!

Il-għanja ta' mħabbtek kemm drabi
Smajt tidwi mar-riħ u tirtogħ'd
Imsaħħra b'dak l-isem ta' żewġek
Li kien ikun jaħdem fil-bogħ'd!

Ġolina, Ġolina, 'ma darba
Kik sibtek imgħar'ra fid-demm...
Bil-kesħa tal-mewt ġewwa sidrek
Maqtula fin-niket u l-hemm!

* * *

Għajjien imma ferħan, ma' nżul ix-xmejxa,
Jitlaq mix-xogħ'l biex jerġa' lejn id-dar
Qalbu mimlija bl-ewwel tama t'iben
Tizju ż-żagħżugħ, żagħżugħ jgħawweġ l-azzar.

Jasal fl-aħħar id-dar: jidħol u jsejjaħ
'L ommu u lil Anġolin: ma jwieġbu ħadd;
Jistenna sa ma d-dlam iroxx għal kollox:
Imma ruħ waħda m'hemm li tidher qatt.

Jibda jfittex minn hawn, minn hinn... u fl-aħħar,
Hu u q'ed fil-kantina bil-musbieħ,
Isib ruħu fid-demm kiesaħ ta' martu
U fl-art jistabat mitluf minn sessieh...

* * *

L-għada minn qiegħ ta' bir waħxi
Omm Tizju merfugħa fis ġiet:
Hi kienet il-ħatja weħidha
Li qatlet u nqatlet fis-skiet!

J. C.

11/IV/35.